MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2014

Numru. 125/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Marco Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Marco Borg**, ta’ tlieta u erbghin (43) sena, bin Joseph u Melita neé Camilleri, imwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Mejju 1969, residenti 5, Sqaq Nannuwa Birkirkara u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 213868(M),

akkuzat talli fit-3 ta’ Frar 2012 ghal habta tal-15.00 ta’ wara nofsinhar fuq xarabank tar-rotta gewwa l-Floriana:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Tiffany Gatt u Sylvana Galea, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur ta' Artikolu 41(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna diversi offizi fuq il-persuni ta' Tiffany Gatt u Sylvana Galea, liema offizi jitqiesu li huma hfief skont Dr. Amanda Saliba M.D. u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' *probation*, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. nhar is-16 ta' Novembru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Tiffany Gatt u Sylvana Galea u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet ukoll mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Tiffany Gatt u Sylvana Galea *ai termini* tal-Artikoli 382A *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat id-Digriet tat-23 ta' Frar 2012 (*a fol.* 26) fejn il-Qorti ordnat li jergghu jinstemghu x-xhieda kollha li kienu taw id-deposizzjoni taghhom fis-seduta tal-20 ta' Frar 2012 u dana *stante* illi minhabba ragunijiet teknici ma setghux jigu traskritti d-deposizzjonijiet tax-xhieda in kwistjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 71) datata 25 ta' Gunju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 214, 216 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 412C, 328A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 75), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' Gunju 2012, f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u kif ukoll lix-xhud minnu prodott.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 118 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehdet (ghat-tieni darba)[1] **Tiffany Gatt** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut hi u Sylvana Galea riekbu fuq il-

[1] *Vide* digriet datat 23 ta' Frar 2012 (*a fol.* 26).

karrozza tal-linja u bdiet izzomm lil Sylvana minn qaddha biex ma taqghax. Tghid li l-imputat (li kien passiggier pero huwa xufier mal-Arriva) beda jghidilhom biex joqghodu sura ta' nies. Tghid li peress illi ma kienu qed jaghmlu xejn, ma tawx kazu, pero f'hin minnhom tul il-vjagg beda jghajjat maghhom u gholla jdejh ma' wicc Sylvana. Tghid li x'hin hi (Tiffany) qalet lill-imputat li ma kellux dritt imiss lil Sylvana, l-imputat imbuttaha, qabadha minn ghonqha u tefghahha fejn ipoggu l-bagalji u spiccat b'marka f'ghonqha. Tghid li Sylvana pruvat taqbez ghaliha pero l-imputat beda jaghti lilha wkoll. Tghid: *"l-ewwel waqajt mal-art ghax imbuttani. Minn mal-art rega' gie fuqi, qabadni minn ghonqi u rega' tefghani fejn ipoggu l-bagajli […] Umbaghad minn hemmhekk igifieri qabad lil Sylvana u tefeghha barra. Imbuttaghha 'l barra. Fil-pront hi waqghet u gie biex jattakkaha"* (*a fol.* 31). Tghid li l-ewwel hareg l-imputat barra mix-xarabank u mbaghad mbotta lil Sylvana l-barra. Xehdet rigward ritratti Dok. "TG 1" sa "TG 7" (*a fol.* 25).

In kontro-ezami (li sar fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 – *a fol.* 87 *et seq.*) tghid li qatt ma kienet rat lill-imputat qabel l-akkadut. Tghid li l-imputat baqa' jghid diversi drabi l-kliem biex joqghodu sura ta' nies u li dan beda jghidu b'mod aggressiv. Tikkonferma li fix-xarabank kien hemm hafna nies, inkluz tfal u studenti. Tghid li ma kienet qed taghmel xejn hazin u tichad li kienu qed jaghmlu affarijiet li n-nies bdew jiddejjqu bihom. Tghid li l-imputat biss beda jghid dak il-kliem. Tixhed li l-ewwel hareg l-imputat mix-xarabank u qabad lil Sylvana u waqqaghha fuq il-bankina. Tichad li lill-imputat hargu x-xufier tax-xarabank. Tichad li hi (Gatt) nizlet mix-xarabank biex tkompli targumenta pero tghid li nizlet biex taghti l-ghajnuna lil sehbitha.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehdet (ghat-tieni darba)[2] **Sylvana Galea** (*a fol.* 34 *et seq.*) u qalet li dakinhar tal-akkadut kienet ma' Tiffany Gatt fuq ix-xarabank u peress li din kienet mimlija, hi (Galea) qaghdet darha mal-hgiega fejn ikun hemm ix-xufier u Tiffany qaghdet ma' qaddha zzommha. Tghid li f'hin minnhom l-

[2] *Vide* digriet datat 23 ta' Frar 2012 (*a fol.* 26).

imputat, li kien bil-wieqfa, qalilhom biex joqghodu sura ta' nies. Tghid li ma kienu qed jaghmlu xejn. Tispjega li f'hin minnhom l-imputat qabad lil Tiffany minn ghonqha u waddabha mal-art fejn ikun hemm il-bagalji. Tghid li l-imputat nizel l-ewwel mix-xarabank u mbaghad gibidha l-isfel. Xehdet rigward ritratti Dok. "TG 1" sa "TG 7" (*a fol.* 25).

In <u>kontro-ezami</u> tikkonferma li kien hemm tfal u nies ohra fuq ix-xarabank pero tghid li hadd iehor ma beda jgerger. Tichad li xi hadd gibed l-attenzjoni tax-xufier. Tghid li l-imputat nizel l-ewwel u wara gibidha mieghu u mbuttaha u waqghet.

In <u>kontro-ezami</u> (li tkompla fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 – *a fol.* 81 *et seq.*) tghid li lill-imputat ma kienitx tafu qabel dakinhar tal-akkadut. Tghid li fix-xarabank kien hemm studenti mhux tfal. Tghid: *"Ma bdejna naghmlu xejn ahna"* (*a fol.* 82). Tghid li l-imputat qalilhom madwar darbtejn biex joqghodu sura ta' nies. Tichad li n-nies fuq ix-xarabank bdew igergru. Tghid: *"Ma bdejt nifhem xejn jien [wara li imputat qalilhom joqghodu sura ta' nies] ghax ma konna qed naghmlu xejn dakinhar. Qas tajna kasu. Ahna speci m'ghamilna xejn"* (*a fol.* 83). Tghid li l-ewwel nizel l-imputat mix-xarabank. Tghid: *"Wahdu nizel ghax infethet [il-bieba tax-xarabank], waqfet fuq l-istage il-Furjana ezatti fuq l-istage, u ezatt x'hin kien ha jinzel gibed lili u mbuttani mal-art"* (*a fol.* 83). *"Waqfet tal-linja. Ahna peress li konna qeghdin fejn il-bieba tal-linja x'hin ezatti waqaf tal-linja nizel, qabad lili, gibidni, u mbuttani mal-art. Ergajt qomt tani daqqa hawnhekk u ergajt waqajt. Umbaghad nizel id-driver li kien qed isuq"* (*a fol.* 84). Tichad li nizlu mix-xarabank wara li nizel l-imputat biex jiehdu sodisfazzjon u jkomplu jargumentaw. Tichad li hargu jiggieldu mal-imputat. *"Gibidni bis-sahha kollha u mbuttani fuq il-bankina"* (*a fol.* 85).

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012, xehed (ghat-tieni darba)[3] **Maurizio Polidano (***a fol.* 39 *et seq.*) li kien ix-xufier tax-xarabank li kienet mimlija li qal li f'hin minnhom

[3] *Vide* digriet datat 23 ta' Frar 2012 (*a fol.* 26).

ra tfajla mal-art u nduna li kien gara xi haga u waqqaf ix-xarabank. Mistoqsi jghid jekk semghax xi argument qabel ma ra t-tfajla mal-art, qal li sema l-kelma *"demokratiku"* (*a fol.* 40). Jghid li hareg lill-imputat u mistoqsi jghid kif hargu, jghid li kellmu. Jghid li t-tfajliet hargu wkoll.

In kontro-ezami (li sar fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 – *a fol.* 77 *et seq.*) jghid li sema lill-imputat jghid *"oqghodu ta' nies"* (*a fol.* 78). Jghid li l-imputat beda jghid hekk billi ghajjat naqra. Jghid ukoll li sema l-kliem: *"pajjiz demokratiku"* (*a fol.* 78). Jghid li ilhna biss beda jisma ghax beda jhares il-quddiem peress li kien qed isuq ix-xarabank. Mistoqsi jghid kif hareg lill-imputat, jghid li nesa kif. Ma jiftakarx jekk qabdux jew mexxiehx il-barra. Jghid li z-zewg tfajliet hargu wara l-imputat mix-xarabank. Jghid li liz-zewg tfajliet ma harighomx hu pero hargu wahidhom.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehdet **Dr. Amanda Saliba** (*a fol.* 45 *et seq.*) rigward ic-certifikati medici rilaxxati minnha u li gew mmarkati bhala Dok. "KB 3" u "KB 4" (*a fol.* 23 u 24).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehdet (ghat-tieni darba)[4] l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Kylie Borg** (*a fol.* 47 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnha rigward dan il-kaz.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2012, xehed l-**imputat Marco Borg (***a fol.* 93 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien xufier mal-Arriva u li kien passiggier f'xarabank ohra u li kien libes l-uniformi tal-Arriva. Jghid li x-xarabank kienet mimlija nies u li hu kien bil-wieqfa vicin ix-xufier tax-xarabank u f'hin minnhom telghu Tiffany Gatt u Sylvana Galea. Jghid: *"dawn iz-zewg tfajliet qabdu fuq xulxin, bdew jintredghu u anka jmissu l-parti ta' isfel, in-nies bdew jghidu x'gharukaza jmisshom jisthu, qalu anka minn zewg xufiera hadd minnhom ma jkellimhom, jiena stennejt li x-xufier suppost ghandu jaghmel id-dmir tieghu, ma ghamlux, u d-dmir li kelli naghmlu jiena ghamiltu jien"* (*a fol.* 94). Jghid: *"wiehed imiss ta' l-iehor u l-iehor imiss*

[4] *Vide* digriet datat 23 ta' Frar 2012 (*a fol.* 26).

*ta' l-ohra"* (*a fol.* 94). Jghid li t-tnejn kienu lebsin qalziet. Jghid li gie mghallem li jekk jaraw xi haga hazina fix-xarabank ghandu dmir li jsikket lil dawn il-persuni u li anke ghandu dritt li jkeccihom 'l barra jew inkella jekk ma jaghmlux hekk jibghatu ghall-pulizija. Jghid li pprova jsikkithom liz-zewg tfajliet minn dak li kienu qeghdin jaghmlu u qalilhom biex joqghodu sura ta' nies u jghid li qalilhom hekk darbtejn/ tlieta bi prudenza. Jghid li taptap fuq spallejn wahda minnhom fuq daharha u qalilha biex tmur hdejh biex jifridhom minn hdejn xulxin u x'hin qalilha hekk, din ma ressqitx u li huma regghu qabdu f'xulxin, u ghat-tieni darba teptilha fuq spallitha u jghid li gibidha minn minkbejha u qalilha: *"Ejja hawnhekk"* (*a fol.* 95) u habibtha qaltlu biex ihallieha. Jghid li hekk kif waslu Sa Maison qabdu jaghtuh (*a fol.* 95). Jghid: *"Dik li kellha wiccha lejja qaltli ara halliha lil ohti, u xejret idejha u laghbitli daqqa fuq imniehri u anka barra d-daqqa li kelli fuq mniehri kelli xi grif ma' wicci u anka f'ghonqi, u bl-istess grif wicci sar ahmar"* (*a fol.* 96). Jghid li biex jipprotegi ruhu hareg idejh. X'hin waslu l-Flurjana, ix-xufier nizlu u mill-mera ra lil wahda mit-tfajliet nizla tigri warajh u hu dar biex jimbuttaha jew biex izommha biex ma taghtihx u li hi habtet ma jdejh u waqghet. Jghid li t-tfajliet regghu telghu fuq ix-xarabank. Jixhed li x-xufier lilu nizlu b'mod normali. Jghid li idu x-xellugija hija *disabled* u ma jistghax ihaddimha.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li pprova jsikket liz-zewg tfajliet minn dak li kienu qed jaghmlu. Jghid li meta qabdu jaghtuh, hu ddefenda ruhu. Jghid: *"Xejru jdejhom, wahda minnhom laqtitni f'imniehri u barra li laqtitni f'imniehri bid-daqqa li kelli f'imniehri kelli xi grif minn hawn u hawn u anke naqra f'ghonqi"* (*a fol.* 97). Jghid li l-ewwel daqqa qalaghha Sa Maison u hu beda jzommhom biex ma jaqghlax swat. Jghid li x-xufier hargu meta waslu hdejn l-iljun, fil-Floriana. Jghid li ma sawwathomx liz-zewg tfajliet. Jichad li wriehom il-ponn liz-zewg tfajliet u li xejjer daqqa ta' ponn. Muri ritratt *a fol.* 59 u mistoqsi mill-Qorti jekk hux hu l-persuna li jidher bil-ponn fir-ritratt jghid li ma jidhirlux li hu hu l-persuna fir-ritratt u jichad li sawwathom bil-ponn. Muri ritratti *a fol.* 67 ikkonferma li qed jara z-zewg tfajliet fir-ritratti u anke lilu nnifsu. Gie muri Dok. "X" u "Y" *a fol.*

67. Gharaf lilu nnifsu fiz-zewg ritratti. Jghid li: *"ghamilitilha veru allright, ghamiltilha l-ponn imma ma sawwathiex. Ghamiltulha biss imma ma sawwathiex"* (*a fol.* 100). Mistoqsi jghid jekk fir-ritratti huwiex qed jara li b'idejh qed izomm lit-tfajla u b'idu l-ohra hareg il-ponn ghat-tfajla, jichad u jghid li ma jistax johrog bil-ponn ghax ma taghtihx idejh. Jghid li b'idu tal-lemin kien qed izomm lit-tfajla. Jghid li ma bghattx ghall-Pulizija ghax haseb li l-istorja kienet ser tieqaf hemm. Jghid f'ritratt "Y" (*a fol.* 67) gibed idejh lura biss.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Frar 2013, xehed **Mr. Carmel Sciberras (***a fol.* 105 *et seq.*) rigward ir-rapport rilaxxat minnu u li gie ezebiet bhala Dok. "CS 1" – *a fol.* 108 *et seq.* Jghid is-segwenti rigward il-minkeb tax-xellug tal-imputat: *"wieqfa hekk, bil-kemm ticcaqlaq. Jigifieri ma kellux a functional range of movement"* (*a fol.* 106).
In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk l-action tal-id tal-imputat hijiex 90 *degrees*, iwiegeb: *"Qisu mwahhal hekk, speci, ma jgibx l-affarijiet ma' halqu"* (*a fol.* 106). Mistoqsi jghid jekk l-imputat ghandux xi haga fl-i*strech* tad-driegh, jghid li m'ghandux.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni –**
**(It-Tentattiv ta' l-Offiza Gravi)**:
Illi ghandu jinghad li sabiex jissussisti ir-reat ta' l-offiza volontarja hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit**, moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar

jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fin-Noti tieghu fejn ighid:

*"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible"*;

izda imbaghad izid hekk:

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo"*.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs. Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu *"Manuale di Diritto Penale"* (Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79: *"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di*

*tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravisima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto – il canone probatorio in dubio pro reo".*

Illi fid-decizjoni **Ir-Repubblika vs. Domenic Briffa**, imsemmija aktar il-fuq, il-Qorti kkonkludiet:

"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioé li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravisima fit-tieni lok".

Illi, kif diga inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat ta' l-offiza gravi jew gravíssima l-Prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Illi, b'riferenza ghall-kaz odjern, wara li l-Qorti qieset id-dinamika tal-akkadut, il-griehi sofferti miz-zewg allegati vittmi, wara li rat ir-ritratti (Dok. "KB 8" – *a fol.* 67) u s-CD (Dok. "KB 7" – *a fol.* 66) ezebiti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti jirrizultalha li mill-provi akkwiziti hemm diffikulta kbira sabiex jigi stabbilit lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Tiffany Gatt u Sylvana Galea.
Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Offizi hfief fuq il-persuna ta' Tiffany Gatt u Sylvana Galea)</u>**:
Illi l-imputat jallega li huwa kien qal lill-allegati vittmi biex jieqfu milli kienu qed jaghmlu u huma njorawh, ghax skond huma ma kienu qed jaghmlu xejn hazin, u li eventwalment z-zewg allegati vittmi qabdu jaghtuh (*a fol.* 95). Meta tali verzjoni tittiehed wahidha tnissel kemmxejn tad-dubju. Pero tali dubju jisvanixxi ladarba jigu kkunsidrati x-xhieda moghtija miz-zewg allegati vittmi u ladarba wiehed jara s-*CD* (Dok. "KB 7" – *a fol.* 66) li l-Qorti rat. Minn dan jirrizulta li huma l-verzjonijiet taz-zewg allegati vittmi li ghandhom jipprevalu u mhux dik moghtija mill-imputat. Jekk l-imputat dehrlu li, skond hu, iz-zewg allegati vittmi kienu qed jaghmlu xi haga hazina, li huwa jghid gie mghallem li ghandu d-dmir li jsikket tali persuni u li ghandu dritt jkeccihom 'l barra mix-xarabank jew inkella, jekk ma jaghmlux hekk, jibghatu ghall-pulizija, ladarba ra, skond hu, li l-allegati vittmi ma waqfux milli kienu qed jaghmlu wara li kien qalilhom biex jieqfu, messu segwa dak li gie mghallem, u cioé li jghid lill-allegati vittmi jinzlu

mill-vettura jew inkella jibghat ghall-pulizija. Dan ma ghamlux l-imputat!

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, Dr. Amanda Saliba xehdet (*a fol.* 45 *et seq.*) rigward ic-certifikati medici rilaxxati minnha wara li ezaminat lil Tiffany Gatt u lil Sylvana Galea, liema certifikati gew mmarkati bhala Dok. "KB 3" u "KB 4" (*a fol.* 23 u 24). Dr. Saliba tixhed li l-griehi kienu hfief. M'hemmx dubju ghalhekk li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

Il-Qorti tinnota li l-imputat ma jistghax jinvoka l-legittima difeza u dana *stante* li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad is-segwenti fuq dina l-iskriminanti:

"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Ksur tal-Bon Ordni jew Kwiet Pubbliku)</u>**:

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati wkoll tat-tielet (3) imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Recivida taht Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, in kwantu jirrigwarda din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija fis-16 ta' Novembru 2011 (Dok. "KB 9" – *a fol.* 68 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li din is-sentenza ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' recidiva ghaliex l-imputat nghata *conditional discharge ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. *Di fatti*, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra** moghtija fit-30 ta' April 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-*conditional discharge* jew il-perijodu ta' *probation*. Jigifieri l-appellant ma setax jigi dikjarat recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali minhabba s-sentenza msemmija tat-23 ta' Jannar 1990".

Ghaldaqstant, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li ghadu kemm nghad hawn fuq u kif ukoll ghall-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 6 *et seq.*), jirrizulta li l-imputat ghandu jigi dikjarat li huwa recediv <u>biss</u> taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht Artikolu 50.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Ksur ta' Ordni moghtija *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi jibda billi jinghad li fl-imputazzjoni in kwistjoni ssir riferenza ghal kelma "probation" meta din kellha tkun "liberta kundizzjonata", pero jirrizulta li fl-imputazzjoni saret riferenza ghall-artikolu tajjeb, cioé ghall-Artikolu 22

tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. Minkejja dan, fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali ghall-gudizzju (*a fol.* 71) gie kwotat l-Artikolu tajjeb u ghaldaqstant m’hemm xejn aktar x’jinghad rigward l-uzu tal-kelma “probation” fl-imputazzjoni hlief li l-Prosekuzzjoni ghandha taghraf id-differenza bejn *probation* u *conditional discharge stante* li huwa zball komuni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza b’mod generali li l-uzu taz-zewg termini jigi mhawwad, meta fil-verita’ iz-zewg kuncetti huma differenti.

Illi, kif diga nghad, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta’ sentenza moghtija fis-16 ta’ Novembru 2011 (Dok. “KB 9” – *a fol.* 68 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2012 (*a fol.* 44) id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lill-Spettur Bernard Charles Spiteri (li kien l-Ufficjal Prosekutur fid-decizjoni moghtija fis-16 ta’ Novembru 2011) rigward l-identita’ tal-imputat f’dik il-kawza. Apparti dan, il-konnottati tal-imputat fid-decizjoni ezebita u l-konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna huma identici u ghaldaqstant m’hemmx dubju li l-imputat fid-decizjoni mmarkata Dok. “KB 9” huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna.

Illi l-Qorti, wara li rat is-sentenza Dok. “KB 9” (*a fol.* 68 *et seq.*), fejn l-imputat gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena, jirrizultalha li l-imputat kien hallas il-hsarat kagunati minnu u li l-parti leza kienet iddikjarat li ma kellhiex aktar interess f’dawk il-proceduri billi hija thallset ghad-danni. Il-Qorti, wara li rat dak li wassal lill-imputat jikkometti t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fil-kawza odjerna, u wara li rat Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, taghzel li ma titrattax ma’ l-imputat ghar-reat li dwarhom kien inghata *conditional discharge* fis-16 ta’ Novembru 2011.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma t-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba’ (4) (pero taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta biss) u l-hames (5).

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura reati addebitati lill-imputat u li gew pruvati, dak li nghad aktar qabel f'din is-sentenza rigward l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.  Il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik tal-multa li tkun aktar lejn il-massimu taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, minhabba r-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) imputazzjoni u mill-addebitu tar-recidiva taht Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif imsemmi fir-raba' (4) imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-25 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 71) b'mod partikolari Artikoli 49, 214, 221 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Marco Borg hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) (pero taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biss) u tal-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li fir-rigward tal-hames (5) imputazzjoni, ghar-ragunijiet imsemmija aktar il-fuq, taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reat li dwaru kien inghata *conditional discharge* fis-16 ta' Novembru 2011, fir-rigward tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) (pero taht Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biss) imputazzjoni tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' elf Euro (€ 1000.00).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Tiffany Gatt u Sylvana Galea ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------